**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 17 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Nru: 1118/02 AJD**

Montaldo Insurance Agency **Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Aassurance Compny.**

**vs**

**Martin Debono.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm628.21) rappresentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju 2001 fi Riq il-Kapuccini, Floriana waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura HAJ 517 u dahal

fil-vettura ta’ Angelica Abdilla bin-numru tar-registrazzjoni ANG 135 u liema Angelica Abdilla kienet assikurata taht polza “comprehensive” mas-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm deher fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2002 u nforma lit-Tribunal li kien ser jipprezenta risposta, baqa’ ma deherx fis-seduti sussegwenti u l-anqas ma prezenta risposta.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Nikolai Muscat Farrugia, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’, sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm628.21), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-Avviz tat-Talba ai termini tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**